# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 17**

**Citazzjoni numru 24/94 AF**

**Mark Portelli**

**v.**

**George Schembri**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-attur Mark Portelli mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' April 2013, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-qorti:

- tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u konsegwentement tgħaddi biex, tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenut appellat biex fi żmien qasir u perentorju jirritornalu l-ġugarelli, *stationery* u *jigsaw puzzles* proprjeta` tiegħu li l-istess konvenut qed iżomm abbużivament fil-pussess tiegħu, u fin-nuqqas li jagħmel dan tikkundannah iħallsu s-somma ta' Lm475 (ekwivalenti għal €1,234.57) rappreżentanti l-valur tal-imsemmija oġġetti;

- bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv; u

- bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenut appellat.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ic-citazzjoni mressqa minn Mark Portelli li permezz taghha, wara li ppremetta illi:
>
> "Il-konvenut kien impjegat mal-attur fl-ezercizzju tal-kummerc tal-istess attur taht l-isem tad-ditta Raffaele Portelli & Sons (1917).
>
> "Fil-kors ta' dan l-impjieg, l-attur kien ta f'idejn il-konvenut diversi gugarelli, 'stationery' u jigsaw puzzles, sabiex il-konvenut, fil-kariga tieghu ta' 'salesman' mad-ditta tal-attur, jesebixxi l-istess oggetti bhala kampjuni tal-oggetti offruti ghall-bejgh mill-attur.
>
> "L-impjieg tal-konvenut mal-attur gie terminat izda l-istess konvenut qieghed abbuzivament izomm fil-pussess tieghu l-imsemmija oggetti u ma kkonsenjahomx lura lill-attur ghalkemm interpellat sabiex jaghmel dan.
>
> "L-imsemmija oggetti fil-pussess tal-konvenut ghandhom il-valur kumplessiv ta' erba' mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm 475).

“Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“Tikkundanna lill-konvenut sabiex, fi zmien qasir u perentorju illi joghgobha tiffissa dina l-Onorabbli Qorti, jirritorna lill-attur il-gugarelli, ‘stationery’ u ‘jigsaw puzzles’, proprjeta’ tal-attur u illi l-istess konvenut qieghed abbuzivament izomm fil-pussess tieghu; u

“Tikkundanna lill-konvenut sabiex, fin-nuqqas illi jikkonsenja l-imsemmija oggetti fiz-zmien lilu prefiss, ihallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm475), rapprezentanti l-valur tal-imsemmija oggetti.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru ipprezentat kontestwalment kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ George Schembri, li in forza taghha eccepixxa illi:

“It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-oggetti tal-attur imsemmija fic-citazzjoni gew kollha lilu ritornati qabel ma l-impjieg tal-eccipjent gie terminat.

“B’riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Frar 1994, li permezz tieghu, din il-Qorti diversament presjeduta ordnat illi din il-kawza titmexxa flimkien ma’ kawza Nru.  1602/93 pendenti bejn l-istess partijiet.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Novembru 1994, li permezz tieghu, din il-Qorti diversament presjeduta hatret lill-Avukat Edgar Depasquale biex jirrelata dwar il-kawza.

“Rat digriet tat-12 ta’ Lulju 1996 moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta, li permezz tieghu, il-fuq imsemmi perit legali gie sostitwit bl-Avukat Veronica Galea Debono.

“Rat ir-rapport tal-perit legali, l-Avukat Galea Debono minnha kkonfermat bil-gurament fis-27 ta’ Frar 2009.

“Rat in-nota ta’ kritika mressqa mill-attur li ghaliha, il-konvenut ma ressaq ebda sottomissjonijiet.

“Rat il-verbali tas-seduti quddiem il-perit legali u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda mressqa.

“Rat id-dokumenti annessi.

“Rat l-atti kollha.

“Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

"Ikkunsidrat illi din il-kawza hija rizultat ta' impjieg li l-konvenut kellu mal-attur. Jirrizulta li l-istess konvenut kien jahdem bhala 'salesman'. Kien inkarigat juri lix-xerrejja prospettivi kampjuni ta' merkanzija fdati lilu. L-attur isostni li meta ntemm l-impjieg, il-konvenut naqas li jirritorna l-kampjuni li kienu ghadhom fil-pussess tieghu. Il-konvenut isostni li huwa kien fil-fatt irritorna kollox lill-attur.

"Il-Qorti tinnota li din il-kawza nbdiet granet wara kawza ohra li l-konvenut odjern fetah kontra l-attur sabiex jithallas bilanc ta' paga, commissions u bonuses li kienu ghadhom dovuti lilu. Din il-kawza qieghda tigi deciza mill-Qorti kif presjeduta llum stess.

"Il-Qorti tinnota ukoll li bi qbil bejn il-partijiet, il-kawzi tmexxew flimkien u l-provi migjuba f'wahda kellhom jghoddu ghall-kawza l-ohra u vice versa.

"Il-perit legali kkonkludiet illi l-attur f'din il-kawza ma rnexxilux jipprova dak li allega. Il-Qorti, bhalma ghamlet il-perit legali, fliet il-provi kollha mressqa mill-konvenut fiz-zewg kawzi u ma ssibx li dan irnexxielu jipprova l-allegazzjoni tieghu sal-grad rikjest mil-ligi f'kawza ta' natura civili.

"Il-perit legali ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward:

> "*152. Illi l-esponenti tosserva fl-ewwel lok li d-Dokument MP11, kuntrarjament ghad-dokument MP10, m'ghandux il-prezz ta' kull oggett elenkat, u allura m'huwiex possibbli li wiehed jivverifika l-valur tal-oggetti elenkati f'dan id-dokument. Di piu', m'huwiex car jekk dan id-dokument huwiex iffirmat mill-konvenut George Schembri kif qed jikkontendi l-attur, u l-konvenut qatt ma gie mitlub sabiex jivverifika jekk hemmx il-firma tieghu fuq dan l-istess dokument jew le.*
>
> "*153. Fir-rigward tad-dokument MP10, jidher li hemm firma tal-konvenut fuq l-ahhar faccata, izda fl-ahhar tal-ewwel faccata hemm il-kliem imnizzel 'all previous cancelled', li donnu jaghti d'intendere illi dawn l-oggetti fil-fatt m'ghaddewx ghand George Schembri.*
>
> "*154. Illi l-attur ipprezenta affidavit tax-xhud John Bajjada, izda f'dan l-istess affidavit ma jissemma assolutament xejn dwar jekk il-konvenut George Schembri kienx verament irritorna l-oggetti kollha lura lilu jew le. L-esponenti jidhrilha li n-nuqqas assolut da parti tal-attur li jiehu konferma minghand ix-xhud tieghu, John Bajjada, dwar jekk l-oggetti mertu ta' din il-kawza gewx ritornati lura lilu jew le minghand il-konvenut, huwa nuqqas serju ghaliex din kellha tkun prova principali f'din il-kawza.*
>
> "*155. Illi min-naha tieghu, ferm qabel ma xehdu, l-attur f'din il-kawza u x-xhud John Bajjada, il-konvenut George Schembri (bhala attur fil-kawza fl-ismijiet inversi) kien diga' ta l-verzjoni tal-fatti tieghu dwar l-oggetti in kwistjoni. Huwa xehed illi ma kien zamm xejn mill-oggetti u kampjuni li kellu, ghaliex xi gimgha qabel ma kien spicca mil-impjieg*

> *tieghu, kien ghadda kollox lis-'salesman' l-iehor John Bajjada. Dan kien gara f'okkazzjoni meta l-konvenut Schembri kellu jiehu l-vann tieghu (liema vann kellu l-kampjuni go fih) ghand il-'panel beater' gewwa l-Imsida, u qabel ma ghamel hekk, kien iltaqa' mas-'salesman' John Bajjada, u hemmhekk, it-tnejn kienu ttrasferew l-oggetti kollha u l-kampjuni li kienu jinsabu fil-vann ta' Schembri gewwa l-vann ta' Bajjada. Skont hu dan kien sar fuq struzzjonijiet tal-attur.*
>
> "*156. Illi l-attur kellu kull opportunita' li jgib prova kuntrarja ghal dak li kien qieghed isostni l-konvenut, u fil-fatt, kellu l-obbligu li jipprova dak li qed jallega fil-kawza minnu pprezentata. L-esponenti pero' jidhrilha li l-provi prodotti mill-attur la huma konkreti, u lanqas huma konklussivi u ghalhekk it-talba attrici ma gietx sufficjentement ippruvata.*"

"Il-konsiderazzjonijiet tal-perit legali u l-konkluzjoni minnha milhuqa huma, fil-fehma tal-Qorti, ben gustifikati u l-Qorti ma ssib ebda raguni biex tiddipartixxi minnhom.

"Ghaldaqstant, il-Qorti, fic-cirkostanzi, taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tal-attur ghaliex ma gewx pruvati.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Mark Portelli".

**<u>Rikors tal-appell tal-attur (30.04.2013)</u>**

**3.** Il-konvenut ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti (fejn straħet totalment fuq il-konklużjoni tal-perit legali li huwa ma pprovax il-każ tiegħu) u għalhekk interpona dan l-appell minnha. Huwa jsostni li huwa pprova l-każ tiegħu u li l-konvenut appellat naqas milli jirribatti t-teżi tiegħu.

**4.** Kontra l-konklużjoni tal-perit legali huwa jippreżenta s-segwenti argumenti.

*Il-provi tal-attur dwar il-merkanzija li kienet fil-pussess tal-konvenut*

**5.** Fl-ewwel lok jgħid li l-provi mressqa minnu jikkonfermaw illi l-konvenut effettivament kellu fil-pussess tiegħu l-merkanzija indikata fid-dokumenti Dok MP10 u MP11. Huwa jsostni li minkejja li l-konvenut ma baqax impjegat mas-soċjeta` Raffaele Portelli & Sons, huwa baqa' ma rritornax din il-merkanzija.

*Il-provi mressqa mill-konvenut*

**6.** Fit-tieni lok jaċċenna għall-fatt illi l-konvenut la qatt ikkontesta l-fatt li kien irċieva l-merkanzija indikata f'Dok MP10 u MP11, li jixhdu l-firma tiegħu, u lanqas ma kkontesta l-valuri hemm indikati. Għalkemm il-konvenut xehed li qabel ma spiċċa mill-impjieg huwa kien ittrasferixxa l-merkanzija li kienet fil-pussess tiegħu lill-impjegat ieħor, ċertu John Bajada, l-attur appellant jgħid li din il-verżjoni qatt ma ġiet ikkonfermata mill-istess John Bajada. Jaċċenna wkoll għall-fatt li ma ġiet prodotta l-ebda riċevuta f'dan ir-rigward, u li apparti dan kollu huwa qatt ma awtorizza lil John Bajada biex jirċevi l-merkanzija msemmija.

*Il-konsiderazzjonijiet li għamlet il-perit legali Dr Veronica Galea Debono*

**7.** Jilmenta wkoll mill-konsiderazzjonijiet li għamlet il-perit legali fir-rigward tal-merkanzija li allegatament kienet ġiet irtirata mill-konvenut:

- dwar li l-firma tal-konvenut fuq Dok MP11 ma tantx kienet tidher ċara,

- dwar li l-valur tal-oġġetti ma kienx jidher b'mod individwali fuq l-istess Dok MP11, u

- dwar li l-kliem "*all previous cancelled*" fuq Dok MP10 jagħtu x'jifhem li l-oġġetti fil-fatt m'għaddewx għand l-appellat.

Jargumenta illi dawn l-osservazzjonijiet li għamlet il-perit legali kellhom jitressqu mill-konvenut u mhux mill-perit legali; anzi jsostni li mhux ġust li dawn tqajmu mill-perit legali.

**8.** Jilmenta wkoll mill-fatt li l-perit legali ikkummentat li kien nuqqas da parti tiegħu (l-attur) li jieħu konferma mingħand ix-xhud tiegħu John Bajada, dwar jekk l-oġġetti mertu tal-kawża ġewx ritornati lis-soċjeta` Raffaele Portelli & Sons tramite l-impjegat John Bajada. Dwar dan isostni li kienet żbaljata l-perit legali: jargumenta illi ladarba huwa l-konvenut li qed jallega li rritorna l-oġġetti lura tramite John Bajada allura l-oneru tal-prova tispetta lill-istess konvenut u mhux lilu.

**9.** Il-konvenut appellat ma ppreżenta l-ebda risposta għall-appell.

## Sfond kronoloġiku

**10.** Il-konvenut appellat George Schembri kien impjegat bħala *salesman* mad-ditta Raffaele Portelli & Sons (1917), ġestita mill-attur Mark Portelli. L-impjieg tiegħu beda fit-3 ta' Ġunju 1991 u ġie tterminat fis-27 ta' Frar 1993 minħabba *redundancy*. Huwa kien ibiegħ ġugarelli, *stationery*, *inflatables* tas-sajf, u *souvenirs* u għalhekk kien juri lix-xerrejja prospettivi kampjuni tal-merkanzija.

**11.** Ftit wara li ntemm l-impjieg tal-konvenut mal-kumpanija tal-attur, il-konvenut beda jippretendi li kien għad fadallu jitħallas bilanċ ta' Lm621.29, rappreżentanti differenza fil-paga, *bonus, allowance, leave* u *commission*. Fil-fatt kien mar id-Dipartiment tax-Xogħol u fl-1 ta' Marzu 1993 dawn interpellaw lill-attur odjern sabiex iħallas l-ammont pretiż minn George Schembri. Fin-nuqqas huma ħadu passi u infetħet kawża kriminali kontra l-attur odjern Mark Portelli. Din il-kawża ġiet deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fit-13 ta' Lulju 1993. Mark Portelli ġie liberat mill-akkużi kollha ħlief fir-rigward tal-*cost of increase*, rigwardanti l-ammont ta' Lm26, li fil-fatt kien ammess minnu stess. Huwa mbagħad ħallas tali ammont.

**12.** George Schembri fil-21 ta' Diċembru 1993 intavola kawża kontra

l-attur odjern (**George Schembri v. Mark Portelli**, Nru 1602/93[1]) sabiex Portelli jiġi kkundannat iħallsu l-ammont ta' Lm495.29. Huwa spjega li kien qed jitlob Lm495.29 (u mhux Lm621.29) wara li naqqas Lm100 li Portelli kien allegatament avvanzalu fir-rigward ta' commission, u wkoll minħabba li kien sar il-ħlas tal-ammont ta' Lm26 fuq imsemmi.

**13.** L-attur odjern Mark Portelli ġie notifikat bil-proċeduri tal-kawża 1601/93 fid-29 ta' Diċembru 1993, u ġimgħatejn biss wara, fl-10 ta' Jannar 1994 huwa intavola l-proċeduri odjerni kontra George Schembri, fejn qed jallega li meta ntemm l-impjieg tal-konvenut mas-soċjeta` msemmija, il-konvenut kien għad kellu diversi kampjuni fil-pussess tiegħu. Huwa jsostni li dawn l-oġġetti (bil-valur kumplessiv ta' Lm475) qatt ma ġew ritornati da parti tiegħu u għalhekk permezz ta' din il-kawża qed jitlob li jiġu ritornati u li fin-nuqqas jitħallas tal-valur tagħhom. Il-konvenut odjern Schembri invece, isostni li kien fil-fatt irritorna kollox.

**14.** Dawn iż-żewġ kawżi, bi qbil bejn il-partijiet, tmexxew flimkien u l-provi miġjuba f'waħda kellhom jgħoddu għall-oħra u vice versa. Is-sentenzi relattivi tal-ewwel istanza t-tnejn ingħataw fl-10 ta' April 2013, u hekk ukoll is-sentenzi relattivi tal-appell, it-tnejn qegħdin jingħataw illum.

[1] Il-kawża 1602/93 ġiet intavolata fil-21 ta' Diċembru 1993, u l-kawża odjerna (24/94) ġiet intavolata fl-10 ta' Jannar 1994

## Provi

**15.** L-attur Mark Portelli, fl-affidavit tiegħu[2] spjega li sa mill-bidu tal-impjieg tal-konvenut mal-kumpanija, huwa dejjem uża l-istess proċedura miegħu, fis-sens li kien jagħmel lista tal-kampjuni illi l-konvenut kien jieħu mill-istores sabiex jurihom il-kljenti prospettivi. Qal li l-konvenut kien iżomm il-lista oriġinali li kienet tkun iffirmata minnu, u hu (l-attur) kien iżomm kopja. Qal ukoll li kull meta l-konvenut kien jirritorna xi oġġetti kien joħroġlu riċevuta bħal ma hija dik li huwa esebixxa bħala Dok MP9.[3]

**16.** Kompla jgħid li l-aħħar żewġ okkażżjonijiet li fihom kien ikkonsenja xi oġġetti lill-konvenut kienu fit-2 ta' Diċembru 1992 u fl-10 ta' Diċembru 1992. Jispjega li kien sar elenku relattiv fiż-żewġ okkażżjonijiet (Dok MP10[4] u MP11[5] rispettivament).

**17.** Kontro-eżaminat[6] qal li l-oġġetti elenkati fid-Dokumenti MP10 u MP11 għadhom f'idejn il-konvenut.

**18.** Il-konvenut George Schembri fil-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu man-nota tal-eċċezzjonijiet ċaħad li wara t-terminazzjoni tal-impjieg

---
[2] affidavit tal-attur Mark Portelli fol 127 et seq tal-atti tal-kawża 1602/93
[3] Dok MP9 fol 160 tal-atti tal-kawża 1602/93
[4] Dok MP10, fol 161-162 tal-atti tal-kawża 1602/93
[5] Dok MP11, fol 163-164 tal-atti tal-kawża 1602/93
[6] Kontro-eżami tal-attur tal-21 ta' Marzu 2005, fol 96

tiegħu mad-ditta tal-attur huwa żamm xi kampjuni kif allegat mill-istess attur. Huwa qal hekk:

> "*Illi fil-fatt meta l-attur ta lill-esponent in-notice ta' terminazzjoni tal-impjieg, il-bqija tal-kampjuni li kien għad fadallu għandu l-esponent ġew ritornati dak il-ħin stess u mpoġġija lura fl-istores, u l-attur fil-fatt qatt ma qajjem ebda kwistjoni dwar dawn il-kampjuni fi kważi sena sħiha, sakemm irċieva ċitazzjoni mingħand l-istess esponent (Citazz. Nru. 1602/93GMA) appuntata għall-14 ta' Frar 1994) sabiex hu jiġi kkundannat iħallsu bilanċ ta' paga, bonus, allowance, leave u commission li għandhom outstanding, ammontanti ara x' kumbinazzjoni, għal għoxrin lira (Lm20) iżjed mill-ammont li qed jitlob l-attur fil-kawża odjerna*".

**19.** Kontro-eżaminat[7] reġa' sostna li huwa kien irritorna kull oġġett li kellu fil-pussess tiegħu :

> "*Meta jiena spiċċajt mill-impjieg tiegħi ma żammejt xejn u dana minħabba illi xi ġimgħa qabel ma spiċċajt mill-impjieg, jien ltqajt mas-salesman l-ieħor u jiena tajtu kull ma kelli fil-pussess tiegħi. Dan is-salesman kien jismu John Bajada.*
>
> "*Għar-rigward tas-samples li kont nieħu mingħand is-sur Portelli, ngħid illi ma niftakarx eżatt jekk kontx niffirma meta kont nieħu x-xogħol. Ngħid ukoll illi meta kont nieħu x-xogħol lura lis-sur Portelli, dan kont nieħdu lura jew il-ħanut, jew l-istore, u ġieli ffirmali s-sur Portelli iżda ġieli ma ffirma xejn.*
>
> "*Jiena rritornajt l-aħħar oġġetti li kelli qabel ma spiċċajt mill-impjieg, sa fejn naf jien ma kien iffirmali ħadd, iżda niftakar li jien u John Bajada konna daħħalna x-xogħol minn ġol-vann tiegħi għal ġol-vettura tiegħu, fl-Imsida, ħdejn il-panel beater fejn konna ħadna l-vann għat-tiswija.*
>
> "*Jien l-istore waħdi qatt ma mort. Aħna ltqajna ġol-Imsida għax hekk ftehmna. Is-sur Portelli kien qalilna biex immorru nqegħdu l-oġġetti ġol-vettura l-oħra u hu stess kien qalilna biex niltaqgħu l-Imsida. Ir-raġuni li kellna niltaqgħu l-Imsida kienet li kien hemm il-panel beater u l-vann kien ipparkjat hemm*".

[7] Kontro-eżami tal-konvenut tas-27 ta' Mejju 1997, fol 81

**20.** Ta' rilevanza sostanzjali hija t-traskrizzjoni tal-konverżazzjoni telefonika li seħħet bejn il-partijiet nhar il-14 ta' Ġunju 1993[8]: u cioe` wara li l-konvenut George Schembri kien spiċċa jaħdem mal-kumpanija tal-attur, u fiż-żmien meta kienu diġa infetħu l-proċeduri kriminali kontra l-attur fuq rapport tad-Dipartiment tax-Xogħol, kif fuq imsemmi. Din il-konverżazzjoni kellha rilevanza partikolari fir-rigward tal-kawża l-oħra fl-ismijiet inversi, nru 1602/93 mhux biss għaliex tali konverżazzjoni tikkontradiċi l-verżjoni li kien ta Mark Portelli inkwantu qal li mhux minnu li qatt offra lil George Schembri biex jerġa' jmur jaħdem mad-ditta tiegħu. Minn din il-konverżazzjoni ħareġ ukoll li Mark Portelli kien qed jirrikonoxxi li kien għad kellu pendenzi ma' George Schembri għaliex fiha saru diversi riferenzi għal *settlement* li kellu jsir, evidentement fir-rigward tal-ammont bilanċjali pretiż minn Schembri in konnessjoni mal-impjieg tiegħu.

**21.** F'din il-konverżazzjoni, wara li l-partijiet jitkellmu fuq il-proċeduri li kienu għaddejjin quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u partikolarment fuq il-fatt li Schembri kien imħarrek bħala xhud fiha sabiex jixhed proprju l-għada, l-istess Schembri jagħmel riferenza għall-fatt li kellu jagħti "*risposta"* lill-Portelli "*sal-weekend*" iżda jgħidlu li ma setax jikkuntattjah. Isaqsih jekk ix-xogħol kienx għadu *available* u Portelli iwieġeb "*Mela le*!" u jgħidlu *"l-istess ħwienet ikollok more or less, ħafna turn over…"* Schembri jsemmilu "*Imma rridu nissetiljaw dik il-biċċa xogħol qabel eh*"

[8] Tali traskrizzjoni hija esebita a fol 121 et seq tal-atti tal-kawża 1602/93

u Portelli jgħidlu "*Mela le*". Schembri jerġa' jgħidlu "*Imma rridu nitkellmu fuq settlement l-ewwel*" u Portelli jerġa' jgħidu "*Mela le*". Schembri jerġa jinsisti li jissetiljaw qabel ma jibda u Portelli jgħidlu li "*nitkellmu rridu George*". Jidher mill-aħħar parti ta' din il-konverżazzjoni illi l-intiża kienet li Portelli l-għada kellu jidher il-qorti u jinfurmaha li "*jien u George wasalna għal agreement*" u jipposponu għal ġimgħa.

**22.** Din il-qorti tosserva illi tul il-konverżazzjoni, huwa biss il-konvenut odjern, George Schembri, li jinsisti fuq is-*settlement* (cioe` fuq il-bilanċ pretiż minnu in linea ta' differenza fil-paga, bonus, allowance, leave u commission) filwaqt li l-attur odjern, Mark Portelli, fl-ebda mument ma jilmenta li Schembri għad għandu xi oġġetti miżmuma għandu. Fil-fatt anke meta l-istess Schembri jgħidlu li l-għada fil-għodu għat-8.30am kellu jitla' l-"*istore"* peress li kellu erba' *deliveries* x'jagħmel matul il-ġurnata, u għalhekk kellu jgħabbi l-affarijiet fil-vann għal matul il-ġurnata, (dan kien qed jgħidu b'riferenza għal xi xogħol li kien qed jagħmel dak iż-żmien mal-*Globe*), dan kellu jkun il-mument ideali biex Portelli jiftakar f'kwalsiasi stokk tad-ditta tiegħu li setgħet kienet għadha għand Schembri, u jitlobulu lura, iżda ma jsemmi assolutament xejn f'dan ir-rigward.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti</u>**

**23.** Din il-qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi prodotti, is-sentenza

appellata u r-rikors tal-appell tal-konvenut, tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

**24.** L-attur isostni li l-oġġetti konsistenti f'ġugarelli, *statione*ry u *jigsaw puzzles* li ħa l-konvenut biex jurihom lill-klijenti prospettivi, huma dawk elenkati fid-Dok MP10 u MP11, datati 2 u 10 ta' Diċembru 1992 rispettivament.

**25.** Fuq id-Dok MP10 datat 2 ta' Diċembru 1992 (konsistenti f'żewġ faċċati) ħdejn kull oġġett hemm imniżżel il-valur tiegħu. Fuq l-ewwel faċċata ħdejn oġġett minnhom tidher il-frażi "*all previous cancelled"* (li din il-qorti ma tifhimx eżatt xi tfisser) u fl-aħħar tal-paġna jidher it-total ta' Lm168.55. Jekk wieħed jgħodd il-valuri kollha tal-oġġetti fuq din il-paġna pero`, jasal għal total ta' Lm108.43 u mhux Lm168.55 kif indikat. Fuq it-tieni paġna ta' dan id-dokument ma jidher l-ebda total, iżda jekk jingħaddu l-valuri, dawn iġibu Lm136.36. Fuq iż-żewġ faċċati tidher il-firma ta' George Schembri.

**26.** Fuq id-Dok MP11 datat 10 ta' Diċembru 1992 (konsistenti wkoll f'żewġ faċċati) ħdejn kull oġġett ma hemm imniżżel l-ebda valur. Fit-tarf tal-ewwel paġna hemm indikat l-ammont ta' Lm116.29, u fit-tarf tat-tieni paġna hemm indikat l-ammont ta' Lm136.36. Pero` peress li kif ingħad, ma jidhrux il-valuri ta' kull oġġett, m'hemmx mod kif dawn l-ammonti

jistgħu jiġu verifikati. Fuq dawn iż-żewġ faċċati tidher il-firma ta’ George Schembri.

**27.** Huwa minnu li, kif jargumenta l-attur fir-rikors tal-appell tiegħu, il-konvenut ma jidhirx li qatt ikkontesta li effettivament irċieva dawn l-oġġetti. Għandu jiġi rilevat, iżda, li anke kieku kellu jitqies li l-konvenut effettivament ħa l-oġġetti kollha li huma elenkati f’dawn id-dokumenti, u anke kieku kellu jitqies li l-valur tagħhom huwa dak li qed jgħid li hu l-attur (għalkemm din il-qorti għandha d-dubji dwar dan), din il-qorti hija tal-ferma konvinzjoni li dawn ġew kollha ritornati lura da parti tal-konvenut.

**28.** Għalkemm il-konvenut ma ressaqx lis-*salesman* l-ieħor John Bajada bħala xhud tiegħu sabiex dan jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu illi huwa ttrasferixxa l-oġġetti li kienu fil-pussess tiegħu lilu, hemm diversi fatturi oħra li meħudin flimkien, fuq bilanċ ta’ probabbilita`, jimmilitaw ferm favur it-teżi tal-konvenut. Dawn il-fatturi huma s-segwenti.

**29.** Fl-ewwel lok ix-xhieda tal-attur Mark Portelli mhux ta’ min joqgħod fuqha, għaliex kif anke rriżulta fil-kawża l-oħra, nonostante li ċaħad kategorikament li huwa qatt offra xogħol mill-ġdid lill-konvenut u anzi sostna li kien il-konvenut li ssuġġerixxa li jerġa’ jmur jaħdem miegħu u li hu qatagħlu mal-ewwel, it-traskrizzjoni tal-konverżazzjoni telefonika turi

propju l-kuntrarju u tikkontradiċi sew il-verżjoni tal-attur.

**30.** Ix-xhieda tal-konvenut min-naħa l-oħra jirriżulta li hija iktar affidabbli: u kif anke rriżulta fil-kawża l-oħra, (u kif din il-qorti spjegat fid-dettall fis-sentenza relattiva li qed tingħata wkoll illum) ħafna mill-affarijiet li qal fix-xhieda tiegħu ġew korroborati bid-dokumenti.

**31.** Il-verżjoni tal-konvenut illi huwa rritorna l-oġġetti kollha mat-tmiem tal-impjieg tiegħu (jew saħansitra xi ġimgħa qabel) u li l-attur qatt ma qajjem kwistjonijiet dwar l-istess oġġetti sakemm ġie notifikat biċ-ċitazzjoni tal-kawża 1602/93 hija ferm imsaħħa bil-fatt li waqt il-konverżazzjoni telefonika tal-14 ta' Ġunju 1993 (li seħħet erba' (4) xhur wara li l-konvenut kien spiċċa jaħdem mad-ditta tal-attur), meta l-konvenut kien qed jinsisti mal-attur li dan iħallsu l-bilanċ ta' flus pretiżi minnu fir-rigward tal-impjieg tiegħu, l-attur mhux biss qabel miegħu, iżda qatt ma semma' li l-konvenut da parti tiegħu kellu jirritorna xi oġġetti. Kif fuq spjegat minn din il-qorti, saħansitra kien hemm mumenti partikolari fil-konverżazzjoni li kienu ideali biex l-attur jilmenta mal-konvenut dwar xi stokk li allegatament baqa' ma ġiex ritornat, iżda l-attur ma qal assolutament xejn fir-rigward.

**32.** Għalkemm il-konvenut ma għandu l-ebda riċevuta fir-rigward tal-oġġetti ritornati minnu, huwa fix-xhieda tiegħu spjega li ma kenitx prassi

fissa li l-attur kien jagħtih riċevuta kull meta huwa jirritorna l-oġġetti. Fil-fatt il-partijiet jidher li kienu jimxu b'mod informali bejniethom: saħansitra Schembri kien jitħallas cash u ma kienx jingħata riċevuta. Anke meta tħallas l-aħħar somma qabel ma telaq mill-impjieg tiegħu, Portelli stess lanqas talbu riċevuta ta' tali ħlas. Għaldaqstant din il-qorti ma tarax li għandha tagħti wisq piż lill-fatt li ma teżistix riċevuta fir-rigward tal-oġġetti ritornati mill-konvenut.

**33.** Hija wkoll koinċidenza inverosimili li ġimgħatejn biss wara li ġie notifikat bl-atti tal-kawża 1602/93 Portelli intavola din il-kawża odjerna għar-ritorn ta' oġġetti li allegatament qatt ma ġew ritornati, u li l-valur tagħhom huwa kważi identiku għall-valur tal-pretensjoni tal-konvenut odjern bħala attur fil-kawża l-oħra. Jidher li fiċ-ċirkostanzi l-attur ipprova jieħu vantaġġ mill-fatt li kellu d-dokumenti MP10 u MP11 bil-firma tal-konvenut fuqhom u għalhekk ibbaża din il-kawża fuqhom; b'hekk ittanta jieħu ċans biex f'każ li jispiċċa jkun sokkombenti fil-kawża 1602/93, l-effetti ta' dan possibilment jiġu newtralizzati b'sentenza favorevoli f'din il-kawża odjerna.

**34.** Il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti f'materja ta' apprezzament ta' provi hi ormai ben stabbilita u hi fis-sens li bħala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax bla raġuni gravi u impellenti l-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti u għalhekk hija tal-fehma li in vista ta' dak

kollu premess m'għandhiex tiddisturba l-konklużjonijiet tal-perit legali u s-sentenza tal-ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, din il-qorti tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb